# LILL-MUŻKA MELANKONIKA

*Ta'* Vincent Caruana

Kull meta waħdi nkun fis-skiet f'kamarti
U qalbi nħossha bir ta' dwejjaq fond,
Kull meta nħoss li s-sħab magħqud sewdieni
Tal-ħajja tiela' 'l fuq mill-orizzont,

Ejj' int ja mużka w b'noti jmissu 'l qalbi
Farraġni bl-istess swied il-qalb li ssemma',
Għax — b'xi misterju — n-noti kollhom dieqa
Ibattlu d-dieq li l-qalb tkun ilha ġġemma'.

Kull meta waħdi nkun miktdud f'kamarti
U qalbi ma tibkix għax issa nksiet
B'saffi ta' ġrieħi, li biż-żmien imfejqa,
Rabbew dwar qalbi kisja iebsa żnied.

Ejj' int ja mużka w ibki int minfloki
Sabiex id-dieq li ma nbattalx fi dmugħ
Minn qalbi tbattlu int u fiha tnissel
Imqar għal dak il-ħin bħal balzmu jfuħ.

Kull meta nkun fil-beraħ taħt is-sema
U waħdi mħasseb niżen qalbi tqila,
Kull meta nkun fil-beraħ u nħoss qalbi
Magħluqa f'ħabs b'kundanna twila, twila,

Ejj' int ja mużka w b'daqqiet twal tan-noti
Agħti daqqiet fuq il-katnazz u kissru
Għax il-muftieħ xortja rmiet fil-baħar
Tad-dwejjaq kbar li ma jistgħux jitfissru.